MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 723/2004

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
MARY MICALLEF
JOSEPH MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Mary Micallef, ta' 44 sena, bint John Agius u Anna nee' Farrugia, mart Joseph, imwielda Had Dingli fid-29 ta' Dicembru 1959, residenti Serenity, 14, Triq San Pawl tal-Pitkali, Dingli/ 24 Evergreen, Triq Hal Millieri, Zurrieq, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 71760(M), u Joseph Micallef, ta' 49 sena, bin Emanuele u Anna nee' Sammut, imwieled Dingli fit-30 ta' Jannar 1955, residenti Serenity, 14, Triq Dun Pawl tal-Pitkali, Had Dingli/24, Evergreen, Triq Hal Millieri, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 171655(M), u akkuzati talli fl-14 t'April 2004, u fis-snin ta' qabel, fil-fond, 14, Triq San Pawl

tal-Pitkali, Dingli, bhala detenturi tal-imsemmi fond jwe bhala persuni li ghandhom f’idejhom l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommettew serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

U aktar talli ghamlu hsara jew kissru parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, tikkundanna l-hatja ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew jew periti fil-proceduri, f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta, illi fl-14 t’April 2004, l-Ufficjal Investigattiv, l-Ispettur Marthese Micallef kienet giet infurmata minn ufficjali tal-Enemalta, cioe’ minn Harry Buttigieg u Frankie Pisani, li waqt li dawn kienu qed jaghmlu spezzjoni fil-fond 14, Triq San Pawl tal-Pitkali, Had Dingli, innutaw li kien hemm il-meter tal-elettriku mbabas. Illi ghaldaqstant, accedew fuq il-post u hemmhekk gie misjub il-meter tal-marka Pafal, bin-numru serjali 18340854, kellu s-sigilli danneggjati u li kien hemm

grif fuq il-‘cover’ tal-‘gaskets’ tan-naha tax-xellug, u li dan il-meter kellu qari ta’ 40692807 units.

Il-Pulizija tkellmu mal-konjugi Micallef li cahdu addirittura li kienu ghamlu xi haga lil dan il-meter. Infatti, Mary Micallef kienet qalet lill-Pulizija li tiehu hsieb tal-kontijiet kollha, u li kienet hi li talbet lill-ufficjali tal-Enemalta biex jaccedu fuq il-post u jezaminawlha dan il-meter ghaliex ma kienx qed jahdem sew.

Il-process verbal ta’ dan il-kaz gie esebit u mmarkat bhala dokument MC, u gew ikkonfermati l-esperti nominati fih.

Harry Buttigieg, a fol 16, kien l-ufficjal tal-Enemalta li ghamel l-ispezzjoni fl-14 t’April fil-fond tal-imputati. Dan xehed li l-meter kien sitwat hekk kif tidhol fil-fond wara l-bieb go ‘cupboard’, u kellu s-sigill tal-‘meter’ u tal-‘cover’ **‘mghaffeg bi plyer’.** Is-sigilli kienu kollha f’posthom u ntatti. Harry Buttigieg xehed ukoll illi kif fethu l-‘cover’, sabu xi grif fuq in-naha ta’ gewwa u xi kallu. Il-‘meter’ kellu wkoll zewg sigilli tac-comb li ma kinux numerati. Harry Buttigieg ikkonferma x-xhieda li huwa kien ta quddiem l-espert nominat mill-Qorti Dr Marco Ciliberti.

Franco Pisani, a fol 18, ukoll ufficjal tal-Enemalta, ikkonferma li hu kien acceda fuq il-post tal-imputati flimkien ma’ Harry Buttigieg fil-post indikat fic-citazzjoni, u sab illi s-sigilli t’isfel tal-‘cover’ u tal-‘base’ kienu mbaghbsa. Dawn is-sigilli kienu tac-comb u qal li kienu imbaghbsa, sab ukoll grif mal-‘cover’ fuq in-naha tax-xellug u anke grif mad-diska tal-arlogg. Frankie Pisani ma setax jiftakar ir-raguni ghaliex l-ufficjali tal-Enemalta kienu ghamlu din l-ispezzjoni.

PS 125 Malcolm Mifsud, xehed li huwa mar fil-fond tal-imputati fid-data ncitata fl-akkuza, u li Mary Micallef, sid il-fond, qalet li hija kienet tiehu hsieb tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u li hija kienet ghamlet ilment mal-Enemalta minhabba illi kien hemm xi kont li ma kinitx qablet mieghu, u ghaldaqstant, kien mar il-‘meter reader’ fl-4 ta’ Frar 2004. L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument PS u tinstab a fol 22 u 23 tal-process.

Dr Marco Ciliberti, a fol 25, ikkonferma r-relazzjoni tieghu fl-inkjesta.
Ian Vella, da parti tal-Enemalta, xehed illi l-istima tar-'registered consumption' kienet f'ammont ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm271).

L-imputata xehdet illi il-'meter' li kellha kien juri 'daily consumption' ta' 8.15 units u dan kif jidher mill-kontijiet antiki li gew esebiti ma' dan il-process. Spjegat illi meta twahhal il-'meter' il-gdid dan wera qari ta' mija u hamsa u sebghin (175) units hekk kif kien imwahhal, u li ghalkemm Mary Micallef gibditilhom l-attenzjoni, dan l-istat ta' fatt ma giex rifless fil-kontijiet li hija rceviet, u li mbaghad dawn wara l-ilmenti li ghamlet hi, gew imnaqqsa mill-kontijiet taghha.

Illi d-'daily record consumption' meta twahhal il-'meter' il-gdid, kien juri 'daily consumption' ta' tlettax punt tlieta erba' (13.34). Illi meta fil-bidu bdew b'din id-'daily consumption', l-imputata tghid illi dan kien rizultat li hija fid-dar taghha kellha tlett kompjuters imqabbdin il-gurnata kollha, illi minn Settembru ta' din is-sena, it-tifel taghha ma baqax jghix id-dar taghha, u ghaldaqstant ovvjament ha l-kompjuters mieghu flimkien mal-konnessjoni tal-'cable'. Illi ghaldaqstant, hija hadet ir-'readings' ta' kuljum tal-'units' kollha illi gew ikkunsmati. Illi ghaldaqstant, jidher illi sakemm kien hemm it-tifel taghhom jghix maghhom, huma kienu jahlu 'average' ta' tnax punt hamsa (12.5) (ara fol 43), u wara li telaq it-tifel, huma kienu jahlu disa' punt hamsa (9.5) units 'a day average'.  Illi l-kontijiet kollha kif ukoll il-kalkoli kollha gew esebiti bhala dokument MM1-MM4, u l-kalkoli qeghdin esebiti minn fol 61-71 u juru 'computer print outs' tad-'daily consumption' tal-elettriku fid-dati ndikati.

L-imputata xehdet illi hija mhijiex intiza fl-elettriku, u xehdet bil-gurament li ma messet ebda arlogg tad-dawl biex tipprova b'xi mod tbabsu halli ma jirregistrax il-konsum u ma qabbdet lil hadd jaghmel dan, ghaliex hi ma tifhimx fil-luce elettrika.

L-istess xehed zewgha, a fol 72-74. Di piu', l-imputat Joseph Micallef xehed illi fiz-zmien koncernat, huma batew, f'okkazzjoni minnhom u cioe' fit-12 t'Awissu 2003, sfaw minn diversi hsarat fl-'equipment' taghhom minhabba 'surge' kbir fil-vultagg tal-luce elettrika tant illi kellhom hsarat fit-'television', fid-'decoder' tas-'satellite dish', fil-'video recorders' u anke fil-qanpiena tal-bieb ta' barra, kif filfatt kellhom ukoll hsarat ir-residenti tat-triq kollha taghhom. Illi filfatt huma kellhom isewwu dawn il-hsarat u sahansitra talbu lill-Enemalta biex jaghmlu tajjeb ghal dan il-hsarat. Il-korrespondenza kollha ta' dan gie esebit u mmarkat bhala dokument JM1 a fol 75, flimkien mal-kontijiet u l-ircevuti kollha illi kellhom x'jaqsmu mat-tiswijiet mehtiega. Gew esebiti u mmarkati bhala JM2 a fol 76, JM3 u JM4 a fol 77 u 78, JM5-JM8 a fol 79-81 rispettivament.

Infatti, l-Enemalta accettaw li kien hemm dan is-'surge' kbir tal-luce elettrika u hallsu d-danni kif jindika wkoll f'JM8 u hallsu ghall-hsarat kollha.

Fit-tieni xhieda taghha, Mary Micallef, a fol 82 u 83, iddikajrat mall-Qorti, illi d-diskrepanzi li qed jilmentaw dwarhom l-Enemalta, mhumiex diskrepanzi rejali izda x'aktarx kienu kagun ta' dik is-'surge' tal-effett fuq il-'meter', tas-'surge' tal-vultagg gholi li setghet affetwat, u din kienet ir-raguni principali ghaliex kienet talbithom biex jaghmlu spezzjoni 'in the first place' ghaliex kien hemm il-kont li ma kienx spjegabbli ghall seba' mitt (700) units.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa x-xhieda kollha tal-kaz, b'mod specjali ghal dak li jirrigwardja x-xhieda dettaljata u precizissima, xhieda li kienet giet ikkorraborata b'diversi ricevuti u anke bi studju kbir tar-'record of daily consumption' li gie kompjuterizzat, ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi l-imputati verament kienu esperjenzaw 'surge' kbira tal-luce elettrika fit-12 t'Awissu 2003, ghal liema 'surge' tal-elettriku l-Enemalta kienu filfatt gentilment rimbursawhom ghall-hsarat illi kienu garrbu f'certi 'appliances' fid-dar taghhom. X'aktarx dan is-surge affettwa wkoll il-'meter' tad-dawl.

Illi mhuwiex vero-simili li persuna li tkun qeghda tisraq luce elettrika jew tbaghbas il-'meter', sejra tkun l-istess persuna illi titlob ghall-ispezzjoni fuq dan il-'meter' lill-ufficjali tal-Enemalta.

Illi di piu', il-Qorti rat u ezaminat il-volum ta' dokumenti illi l-imputata esebiet u r-rendikont metikolozissimu li ghamlet l-imputata ghar-rigward tar-'record of consumption' kif waslet ghalihom kif ukoll ghal esebizzjoni tad-dokumenti kollha u l-kontijiet kollha li hi kellha mal-Enemalta, u hija tal-fehma illi l-imputata rnexxielha li tipprova li 'on a balance of probabilities' la hija, lanqas zewgha ma kellhom x'jaqsmu mal-akkuzi migjuba kontra taghha.
Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom, u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------